# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 11 ta' Jannar 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Caroline Fabri)**

**vs**

**Antonio Piscopo**

**Kumpilazzjoni Nru: 453/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Antonio Piscopo detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 605183 (M).

Akkuzat talli fit-28 ta' Mejju, 2015 gewwa l-istabbiliment Havana li jinsab fi Triq San Gorg, San Giljan għal ħabta ta' nofs il-lejl (00:00hrs) u fil-ħinijiet ta' wara kkaġuna ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Udoka Nanso Uchenna skond kif iċċertifikat minn Dr. M Ashraf M.D., numru mediku 3554 mill-Isptar Mater Dei.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, flimkien jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, tipprovdi għas-sigurta ta' Udoka Nanso Uchenna u/jew ta' persuni oħra, u/jew għaż-żamma ta' l-ordni pubblika, u/jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuni leżi u/jew ta' individwi oħra minn fastidju u/jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, billi toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-akkużat ai termini ta' l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383 tal Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' din il-persuna hawn fuq imsemmija.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

1) 214, 215 u 218;
2) 533; u
3) 383, 384, 385, 386, 387 u 412C.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda glieda li nqalet fil-lejl tat-28 ta' Mejju 2015 ghall-habta ta' nofs il-lejl fil-club Havana f' Paceville.

Illi jirrizulta li dak in-nhar l-imputat kien qieghed fil-club imsemmi flimkien ma xi hbieb; hemm kien hemm ukoll il-parte leza Udoka Nanso Uchenna, martu u habib taghhom. Gara li l-imputat u hbiebu (fosthom zewg tfajliet) kienu qeghed jiehdu ritratt meta l-parte leza dahal fir-ritratt maghhom (*photobomb*). Inqala' argument bejn l-imputat u l-parte leza u f'dan l-argument l-parte leza spicca intlaqghat bi flixkun u giet ikkawzata lacerazzjoni fuq mohhu.

Illi mill-provi prodotti m'hemmx dubbju li kien hemm argument bejn l-imputat u l-parte leza, hekk kif m'hemmx dubbju li l-glieda sehhet u li bhala rizultat l-imputat spicca b'lacerazzjoni fuq mohhu. Lanqas m'ghandu jkun hemm dubbju li l-argument beda ghaliex l-parte leza dahal fir-ritratt li kienu qed jiehdu l-imputat u shabu.

Illi l-parte leza jghid li wara li hu dahal fir-ritratt l-imputat u shabu (mhux it-tfajliet) qajmu kommozzjoni u attakkawh; fosthom kien hemm min tah daqqa bi flixkun fuq mohhu. Il-parte leza pero ma jafx minn tah din id-daqqa bil-flixkun. Mart l-imputat u l-habib tieghu bejn wiehed u iehor jikkoroboraw il-verzjoni tal-parte leza. Ghalkemm hemm xi diskrepeanzi zghar fir-rakkont taghhom it-tnejn ikkonfermaw li l-parte leza qala daqqa ta' flixkun; aktar minn hekk martu identifikat lill-imputat bhala l-persuna li tah id-daqqa bil-flixkun.

Illi tressqu ukoll bhala xhieda z-zewg tfajliet u ragel iehor li kienu ma'l-imputat. Iz-zewg tfajliet allegaw li l-parte leza kien qed jaqbad maghhom u ndahal fir-ritratt u kien ghalhekk li bdiet glieda pero dwar id-dinamika tal-glieda, minn bdieha u kif spiccat ma jghidu xejn. Ix-xhud l-iehor, il-habib ta'l-imputat, ma ta' l-ebda informazzjoni utili fis-sens li kull ma qal hu ukoll kien li l-parte leza qabad mat-tfjalilet u indahal fir-ritratt pero ma ra xejn aktar ghaliex wara li ha r-ritratt (kien hu li ha r-ritratt) mar hdejn il-bar u ma ra xejn aktar.

Illi l-imputat ma xehedx pero huwa rrilaxxja stqarrija. F'din l-isqarrija, l-imputat ma jammettiex li huwa ta' xi daqqa lill-parte leza. Hu jghid li wara li kkonfronta lill-parte leza talli dan indahal fir-ritratt il-parte leza kien ser jaggredih bi flixkun tal-vodka li kien hemm fuq il-bar u biex jiddefendi ruhu l-imputat imbotta lill-parte leza li waqa u habat wiccu.

Illi huwa car li hemm kunflitt fil-verzjoni mghotija mill-imputat min-naha u l-parte leza, martu u l-habib taghhom min-naha l-ohra. Minkejja dan il-kunflit, il-Qorti wara li kellha l-opportunita tara u tisma l-persuni kollha li xehedu quddiemha hija konvinta li kien l-imputat li permezz tal-flixkun wegga' lill-parte leza u kkawzalu l-lacerazzjoni deskritta fir-rapport ta' Dr Mario Scerri.

Illi ghadu jigi rilevat li l-Avukat Generali irrefera ghall-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju; pero ma giex specifikat fuq liema subartikolu ta' dan l-artikolu qed jibbaza n-natura tal-griehi. Mill-provi propdotti jidher li huwa s-subartikolu 1(b) li jista japplika ghall-kaz in ezami; dan jirreferi ghal sfregju gravi u permanenti. Fil-fehma tal-Qorti pero, u anke tenut kont ta' dak li jirrizulta mir-rapport ta' Dr Mario Scerri, l-ferita sofferta mill-parte leza taqa' taht definizzjoni ta'l-artikolu 216(1)(b) tal-Kapitolu 9, li huwa reat minuri kompriz u involut f'l-artikolu 218 kwotat mil-lAvukat Generali.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi li wasslu ghall-incident u l-fedina penali ta'l-imputat li ghalkemm mhiex netta lanqas hi wahda allarmanti. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li l-piena m'ghandhiex tkun wahda ta' prigunerija effettiva. Dwar it-talba tal-proskeuzzjoni dedotta ai termini ta'l-artikoli 383 u 412C peress li l-parte leza kien f'Malta biss ghal btala qasira, l-Qorti hija tal-fehma li l-provedimenti rikjesti ma jkunu jservu l-ebda utilita.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 215 u 216(1)(b) ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah erbgha xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A ta'l-istess Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sena. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti

s-somma ta’ mitejn u tlett Euro u sitta u tmenin centezmu (€203.86) rapprezentanti spejjez rinkorsi fil-hatra ta’ esperti.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’ jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

**DR DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**